MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Numru. 795/2003

Il-Pulizija
Spettur Angelo Caruana
Spettur Ramon Mercieca
vs
Joseph Bugeja

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-Belt Valletta, fl-24 ta' Settembru 2003, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija, fil-fond numru 15, Flat 4, Triq il-Bjar, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' John Fenech f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument bil-ponta fuq il-persuna ta' John Fenech, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta’ l-istess strument bil-ponta fuq imsemmi ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-pesuna ta’ John Fenech kif iccertifikat minn Dr Michael Spiteri MD ta’ l-isptar San Luqa; liema feriti jistghu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f’parti tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh ta’ l-imsemmi John Fenech;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna u / jew ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

U finalment talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-4 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338 (dd), 17 (c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66;
U semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali u tal-imputat Joseph Bugeja tal-11 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tieghu esponew bir-rispett :

Illi fl-kaz odjern intlehaq qbil bejn l-esponenti dwar il-piena li ghandha tigi nflitta minn din l-Onorabbli Qorti fuq l-imputat esponent talvolta dana debitament jirregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha migjuba kontrih;

Illi, ghalhekk, jidher li huwa applikabbli l-Artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha, bhala piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat esponent, u talvolta dana debitament jirregistra ammissjoni tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, tikkundanna lill-imputat Joseph Bugeja piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ sentejn sospizi ghal perjodu ta’ erba’ snin, minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti skond dak li hemm provdut fl-Artikolu 453A(3), u dana kollox ai termini tal-imsemmi Artikolu 453A tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dan waqt is-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2005.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu hati ta’ l-istess imputazzjonijiet kollha, u dana wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-4 ta’ Frar, 2004.

Illi irrizulta mill-provi prodotti li fl-24 ta’ Settembru, 2003 inqala incident fin-numru 15, Flat 4, Triq il-Bjar il-Belt Valletta u f’dan l-incident wegga gravament John Fenech li kellu stab wound f’zaqqu u ittiehed permezz ta’ ambulanza l-isptar San Luqa.

Illi f’dan l-incident kienu involuti l-aggressur, l-imputat Joseph Bugeja, l-gharusa tieghu Josianne Formosa, ommha, omm l-imputat, missier l-imputat u hu Josianne. L-imputat iddecieda li jirrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qalilhom li kien mizzewweg lil Louise Bugeja u minn dak iz-zwieg kellhom zewgt itfal li kienu jghixu mieghu. Fil-flat fejn inqala l-incident baqghet tghix mart l-imputat u hu mar jghix ma ommu u kien jghix ukoll mal-girlfriend tieghu Josianne Formosa. L-imputat qal lill-pulizija li dawn l-ahhar xhur sar jaf li fil-flat fejn kien joqghod hu meta kien mizzewweg kien tbattal, ghalhekk dahal fih u beda

jipprova jirrangah. Irrizulta li gurnata qabel l-incident l-imputat garr l-affarijiet fih ghaliex kien wasal biex jidhol fih mat-tfajla tieghu u f'dik l-istess gurnata tal-incident kien gie infurmat li kien hemm il-mara tieghu ma xi irgiel, u kienet marret fil-post sgassat il-bieb u biddlet is-serratura. Effettivament nizel jiccekkja u ra li c-cwievet li kellu ma qablux u li ghalhekk irrizulta li s-serratura kienet inbiddlet u mar jaghmel rapport l-ghassa fis-sens illi martu kienet dahlet fil-post u biddlet is-serratura. Il-pulizija staqsewh jekk kienx jaf fejn kienet il-mara tieghu, izda qalilhom li ma jafx fejn toqghod. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li mar ghand ommu u qalilha dak li kien gara u iddecida li jmur jisgassa u jiehu l-affarijiet tieghu lura. Fil-fatt hekk ghamlu, mar hemmhekk flimkien ma ommu u mat-tfajla tieghu sabiex jghinuh igorr. Marru ukoll missieru u omm l-gharusa, kif ukoll huha. Meta waslet fuq il-post omm l-gharusa tieghu Rose Formosa, din indunat illi kien hemm mart l-imputat ma xi ragel, cemplet lill-imputat u qaltlu b'dan kollu. L-imputat, da parti tieghu, informa lill-pulizija u qalilhom li kien ser jiehu hwejgu u talabhom jigu fuq il-post sabiex jizguraw li ma jinqalax xi incident. Meta l-imputat wasal fuq il-post kien hemm missieru li kien qallu li ommu kienet diga telqet. Missieru talbu biex jistenna li jigu l-pulizija fuq il-post, izda l-imputat qabad u dahal u inqala incident bejn in-nisa. L-imputat dahal fil-flat, ra lir-ragel li kien ma martu, qabdu minn ghonqu u qaghtalu chocker bis-salib. Gew fl-idejn. Ir-ragel li kien mal-mara tieghu qabad "squeezer" u beda jaghtih biha. Dak il-hin l-imputat qabad xi haga mill-art u tah biha u ferih. F'hin minnhom l-imputat semgha ghajjat gej minn barra, ittawwal mill-gallerija, ma setghax jiftah it-tieqa tal-gallerija u ghalhekk kisser l-hgiega. Sussegwentement nizel isfel u wara ftit gew il-pulizija fuq il-post u arrestawh.

Illi sussegwentement irrizulta mill-provi illi l-imputat kien aggredixxa lir-ragel li kien ma martu b'sikkina.

Illi xehed John Fenech, l-allegat vittma f'dak l-incident, u qal li dakinhar in kwistjoni mar mal-mara tal-imputat u sgassaw il-bieb tal-flat u qal illi ghamel dan bil-permess tal-"housing" ghalkemm il-permess ma kienx bil-miktub. Kienet giet Rose, umbaghad telghu l-ohrajn, l-imputat,

ommu u t-tfajla tieghu. Hu xehed illi Rose qabdet issawwat lil Louise. Hu kellu “squeezer” f’idejh u qalilha “halliha lil Louse”. Pero’ skond hu ma sawwat lil hadd. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat kellu arma f’idejh, xi stallet, u hu mar biex jehodhielu u l-imputat tah daqtejn biha. Spicca ma l-art u Rose spiccat fuqu. Rose bdiet tigdimlu subajh u hu harab. Kif gholla l-flokk, ra li kellu imsarnu barra fuq in-naha tax-xellug ta’ gembu. Nizel isfel bil-mixi u stenna l-ambulanza li haditu l-isptar. Huwa kompla jixhed illi meta kien isfel jistenna l-ambulanza semgha tisbit mal-gallerija u l-ghajjat, semgha hgieg jinkiser, il-hgieg waqa’ ghal isfel u resaq lura ghax beza li l-hgieg jigi fuqu.

Illi xehed Dr Caruana Dingli illi ikkura lil John Fenech wara l-incident in kwistjoni. Huwa xehed illi l-feriti illi kien qed ibaghti minnhom John Fenech kienu ta’ natura gravi minhabba li ippenetraw kavita, pero’ ma kienx hemm periklu ta’ mewt immedjat, specjalment la darba saret l-operazzjoni. Huwa xehed illi l-periklu ma kienx wiehed immedjat.

Illi fuq talba tad-difiza, il-Qorti hatret lil Marianne Zammit, Ufficjal tal-Probation, biex thejji “pre-sentencing inquiry report” fil-konfront tal-imputat. Marianne Zammit ikkonkludiet illi hemm diversi fatturi illi ghandhom jitqiesu f’dan il-kaz. Huwa fatt illi r-reat huwa wiehed serju, b’parti ingurjata bl-aktar mod gravi, izda jekk wiehed ihares lejn in-naha l-ohra jidher illi l-imputat ma ghandux “record” ta’ attivita kriminali jew ta’ abbuz ta’ droga, jew sustanzi ohra. L-ambjent familjari huwa wiehed pjuttost posittiv u li jaghti ikkoraggament kemm lill-imputat, kif ukoll lil uliedu. L-imputat inghata l-kustodja ta’ uliedu minhabba li l-omm ma kienitx tiehu hsiebhom kif ghandu jkun. Illum it-tfal jinsabu f’kundizzjoni tajba u l-imputat jiehu hsiebhom sew. Dan jikkonfermawh il-professjonisti illi jahdmu fuq l-istess kaz. Minn naha l-ohra il-vittma baghta hafna u kien fi stat li jitlef hajtu b’rizultat ta’ dan l-incident. L-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat illi f’dan il-kuntest ic-cirkostanzi tal-kaz holqu sitwazzjoni difficli fejn ir-reat in kwistjoni huwa wiehed ta’ natura serja u minn naha l-ohra l-imputat ghandu l-kura u l-kustodja ta’ uliedu u apparti minn hekk,

skond informazzjoni migbura, l-imputat wera li hu missier idejali. Wara li gew evalwati ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tghid illi piena karcerarja jista jkollha effett negattiv specjalment fejn jidhlu t-tfal. Ghalhekk hija issuggeriet illi l-Qorti tikkunsidra sentenza sospiza b'supervizjoni intensiva ma l-Ufficjal tal-Probation u kumpens xieraq mill-vittma lill-imputat.

Il-Qorti ghalhekk ghall-finijiet ta' piena ezaminat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit u rat ukoll ir-rikors ta' l-Avukat Generali u tal-imputat tat-12 ta' Ottubru 2005. Hija ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta u li ikkopera mal-pulizija sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-arma favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------